# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, 4 t'April, 2001.**

**Kawza Nru. 30.**
**Citazz. Nru. 313/01 JRM**

**STRAND PALACE AGENCIES Ltd**

**vs**

**John CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja ta' *farmhouse* minghajr numru fi sqaq maghruf bhala Tal-Fanal fil-limiti tal-Gharghur bl-art annessa tal-kejl ta' 4496.4 m.k., liema *farmhouse* u art gew

akkwistati minnha permezz ta' att ippubblikat min-Nutar Paul Pullicino fl-24 ta' Awissu, 1984, kopja informi annessa Dok. A;

Illi kompriz f'dak it-trasferiment kien hemm "… a right of way by foot and by vehicle…over the plot of land to the South of the *farmhouse* measuring such plot over which the right of way is constituted about one thousand six hundred and eighty six square metres (1686 sq.m.) and belonging to the heirs of the said Vitor Aquilina";

Illi l-konvenut, li lilu misset l-art in kwistjoni mid-divizjoni ta' Vitor Aquilina, hedded lis-socjeta' attrici illi jekk l-imsemmija socjeta' ma tixtrix l-art li messet lilu, li hija kontigwa mal-art taghha fuq imsemmija, huwa kien sejjer jimblokka l-passagg;

Illi permezz ta' degriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 362/01, kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok. B, din l-Onorabbli Qorti razznet lill-konvenut milli hekk jimblokka l-passagg;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' attrici ghandha dritt ta' passagg bir-rigel u bil-vetturi fuq l-art tal-konvenut imsemmija; u

2. Konsegwentement, trazzan u tipprojbixxi lill-konvenut milli jimblokka l-imsemmi passagg;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 362/01, u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**4 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**4 t'April, 2001.**